

Dispożittiv

- 1) Ma hemmx iżjed lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.
- 2) Ma hemmx iżjed lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talbiet għal intervent.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbatl l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Unión de Almacenistas de Hierros de España.
- 4) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Renju ta' Spanja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 304, 19.10.2013.

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Mejju 2014 – Frucona Košice vs Il-Kummissjoni
(Kawża T-103/14 R)**

(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Għajjnuna mill-Istat — Alkoħol u spirti — Annullament ta’ dejn fiskali fil-kuntest ta’ proċedura kollettiva ta’ insolvenza — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta’ urgjenza — Nuqqas ta’ fumus boni juris”)

(2014/C 202/29)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Frucona Košice a.s. (Košice, is-Slovakkja) (rappreżentanti: K. Lasok, QC, B. Hartnett, J. Holmes, barristers, u O. Geiss, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Walkerová u L. Armati, aġenti)

Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2013) 6261 finali, tas-16 ta' Ottubru 2013, dwar l-għajjnuna mill-Istat SA.18211(C 25/2005) (ex NN 21/2005), implementata mir-Repubblika Slovakka favur Frucona Košice a.s., sa fejn din tordna lir-Repubblika Slovakka tirkupra l-għajjnuna.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2014 – Ben Ali vs Il-Kunsill

(Kawża T-200/14)

(2014/C 202/30)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Mehdi Ben Tijani Ben Ħaj Hamda Ben Ħaj Hassen Ben Ali (Saint-Étienne-du-Rouvray, Franza) (rappreżentant: A. de Saint Remy, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea